MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## GRIMA EDWINA

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 1857/2002

***Fogg Insurance Agencies Limited***
***ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta'***
***estera Norwich Union International Insurance Limited***

***vs***

***Carmelo sive Charlie Cassar***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' Awissu, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici nomine s-somma ta' mitejn u hamsa u erbghin liri Maltin (Lm245) rappresentanti hlasijiet effetwati minnha lil terzi ghan-nom tal-konvenut ai termini ta' l-Att dwar Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur Ghar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta) in konnessjoni ma' l-incident awtomobilistiku illi sehh fil-25 ta' Dicembru 2000 gewwa Brittania Street, Paola, bejn il-vettura misjuqa mill-konvenut u assikurata f'ismu stess,

bin-numru ta’ registrazzjoni HAI 039 u l-vettura proprjeta’ ta’ Carmel Formosa bin-numru ta’ registrazzjoni EAA 613.

Is-socjeta’ attrici qieghda titlob il-kundanna tal-konvenut ghar-rifuzjoni ta’ tali ammont u dana wara illi jigi dikjarat illi l-polza ta’ assikurazzjoni mahruga mis-socjeta’ attrici fil-konfront tal-konvenut hija annullata, kancellata u mhassra stante illi l-konvenut ma onerax diversi kundizzjonijiet fl-istess polza u dana senjatament billi ma rrapportax l-incident de quo fil-hin, baqa’ jirrifjuta illi jhallas l-*excess payment* dovut lis-socjeta’ attrici ai termini ta’ l-istess polza ta’ assigurazzjoni u kien xurban fil-mument ta’ l-incident de quo.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra legali datata 23 ta’ Jannar 2002 u tal-konsult ammontanti ghal hmistax-il lira Maltin (Lm15.00) oltre t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u interessi legali mid-data tan-notifika ta’ dana l-Att sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa’ ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Rachel Montebello ghan-nom tas-socjeta’ attrici nomine, li kkonfermat bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti u cioe’ r-*road accident report*, is-*survey report* u r-ricevuti tal-hsarat.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici nomine s-somma ta’ mitejn u hamsa u erbghin liri Maltin (Lm245), bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta’ l-avviz lill-konvenut.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra legali tat-23 ta’ Jannar 2002, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**